# Programm
*tal-Festi Interni*

**Is-Sibt 12 t' Awwissu**
Fis-6:00 pm - Quddiesa kkonċelebrata mmexxija minn Mons Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta li fiha jinawgura l-bidu uffiċjali tal-ħidma pastorali tal-Kappillan il-ġdid Dun John Muscat. Wara kulħadd mistieden għall-riċeviment fiċ-Ċentru Parrokkjali Bernadette Soubirous.

**Il-Ħadd 13 t' Awwissu**
9:30 am - Quddiesa ċċelebrata mill-Kappillan u wara ħruġ min-niċċa tal-vara titulari. Jieħu sehem ukoll il-Kor tal-Parroċċa.

**It-Tlieta 15 t'Awwissu: Festa ta' Santa Marija**
Il-Quddiesa ikun bħal ta' nhar ta' Ħadd għax dan hu jum tal-obbligu tal-quddies.

**L-Erbgħa, 16 t' Awwissu: L-Ewwel Jum tat-Tridu**
Fis-6:30 pm - Quddiesa ċċelebrata mir-Rev. P. Martin Mamo O.F.M. Cap. bil-priedka fuq il-Madonna. Mistieden kulħadd imma b'mod speċjali t-tfal u l-adoloxxenti kollha tal-Parroċċa. Wara l-Quddiesa issir bibita fis-Sala tal-Knisja.

**Il-Ħamis, 17 t' Awwissu: It-Tieni Jum tat-Tridu**
6:30 pm - Kollox bħall-jum ta' qabel. Mistieden kulħadd imma b'mod speċjali l-operaturi pastorali kollha tal-Parroċċa: il-membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, il-katekisti, il-Letturi, l-Animaturi u dawk kollha li jgħinu fil-Liturġija, il-Kor, is-Sagristani, dawk li jnaddfu l-Knisja, il-membri ta' Azzjoni Kattolika u tal-Legion of Mary, il-membri tal-Għaqda Nar u Armar u tal-Każin tal-Banda 11 ta' Frar. Wara l-Quddiesa issir bibita fis-Sala tal-Knisja.

**Il-Ġimgħa 18 t'Awwissu: It-Tielet Jum tat-Tridu**
6:30 pm - Kollox bħall-jum ta' qabel. Mistieden kulħadd imma b'mod speċjali l-benefatturi, l-anzjani u l-morda. wara l-Quddiesa issir bibita fis-Sala tal-Knisja.

**Is-Sibt 19 t'Awwissu: Lejlet il-Festa**
6:00 pm - Tibda l-purċissjoni fil-Knisja Parrokkjali bit-Transulazzjoni tar-Relikwija tal-Madonna għal fuq l-artal fejn tkompli l-Quddiesa ċċelebrata mill-Kappillan.

**Il-Ħadd 20 t'Awwissu: Jum il-Festa**
Quddies fis-7:30 am u 9:30 am
6:00 pm - Quddiesa tal-Festa ċċelebrata mir-Rev. Kan. Marc Andre Camilleri, Kappillan tal-Parroċċa ta' Kristu Re bil-priedka fuq il-Madonna.
7:30 pm - Tibda ħierġa l-purċissjoni bil-vara titulari mal-Banda Trinità Qaddisa tal-Marsa li tgħaddi minn dawn it-toroq: Brittanja, Windsor, Cameron, Paola Hill, il-Ġdida, il-Foss, l-Arkata, Ninu Cremona, Brittanja, Valletta, Tortell u lura għall-Knisja Parrokkjali.
10:30 pm - Dħul tal-vara fil-Knisja u tingħata l-Barka Sagramentali.

# Programm

*tal-Festi Esterni*

**Il-Ħadd 13 ta' Awwissu**
F'Nofs in-nhar l-ikla tradizzjonali tal-Festa

**L-Erbgħa 16 ta' Awwissu**
8:00 pm Riċeviment għal għaqdiet fis-sede tas-Soċjetà Filarmonika 11 ta' Frar. Preżentazzjonijiet lis-Soċjetà mill-Għaqdiet Pawlisti f'okkażjoni tal-5 snin Anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjetà.

**Il-Ħamis 17 ta' Awwissu**
8:00 pmLejla Maltija quddiem il-Knisja. Ikun hemm kant żfin u Tombla kbira.

**Il-Ġimgħa 18 ta' Awwissu**
Fit-8:00 pm iddoqq il-Banda 11 ta' Frar - Marċ li jibda min fejn Corradino flats, Paola Hill, Triq Clarence, Triq Invernnes, Pjazza, Triq Dgħajjes, Vjal Sir Paul Boffa, Triq Valletta, Triq Brittania, Triq is-Sultana, Triq il-Ġdida, Triq Tortell, Triq Windsor, Triq Cameron, sa fejn il-Pawla Wolves.

**Is-Sibt 19 ta' Awwissu**
Fit-8:00 pm Programm fejn iz-zuntier ta' siegħa mill-Banda 11 ta' Frar.
Wara Marċ mill-istess Banda li jgħaddi mal-Pjazza, Triq Tortell, Triq id-dgħajjes, Triq Ibjar, Triq is-Sultana, Triq Brittania, Triq il-Foss, Triq Athlone, Triq l-Arkata, Triq il-Ġdida sal-kolonna ta' Bernardina.

**Il-Ħadd filgħodu 20 ta' Awwissu**
Fl-11:00 am Jibda minn fejn il-Każin Triq il-Ġdida, Triq il-Foss, Triq Brittania, Triq l-Arkata, Triq il-Ġdida, Triq Ninu Cremona, Triq l-Ibjar, Triq is-Sultana, Triq Brittiana, Triq Valletta, Triq Tortell, Triq Windsor, Triq Cameron, Pawla Wolves, Triq Invernes, Triq Windsor, Triq Tortell sa quddiem il-knisja.

